# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' FRAR 2024**

**Kawża Numru: 7K**

**Rik. Kost. 245/2022 RGM**

**Modesta Farrugia**
**Caterina sive Catherine Ciappara**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**
**Maria Theresa sive Marthese Spiteri**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors tad-19 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti fissru li huma propjetarji tal-fond 19, Kennedy, Triq Dun Rajmond Ellul (ġia Triq Ġużeppi d'Arena), il-Qrendi. Missier ir-rikorrenti, Michelangelo Ellul kien akkwista porzjoni t'art fabbrikabbli magħrufa bħala l-Ġnien fi Triq il-Ħniena, il-Qrendi, permezz ta' diversi kuntratti, ċioe kuntratt ta' diviżjoni tal-14 ta' Frar 1965 in atti tan-Nutar Nicola Said, kuntratt ta' permuta datat 18 ta' Lulju 1965 in atti tan-Nutar Nicola Said u kuntratt ta' bejgħ tat-3 ta' Diċembru 1965 in atti tan-Nutar Nicola Said. Fuq din l-art missier ir-rikorrenti bena diversi proprjetajiet inkluż in fond mertu tal-kawża. Meta miet missierhom, ir-rikorrenti flimkien ma' ħuhom Giuseppe illum defunt, wirtu in-nuda proprjetà ta sest (1/6) indiviż kull wieħed tal-imsemmija proprjetà soġġett

għal-użufrutt t'ommhom Vincenza Ellul, permezz tat-testment unica charta tas-6 ta' Ġunju 1968 fl-atti tan-Nutar Nicola Said. Wara l-mewt ta' ħuhom, omm ir-rikorrenti, Vincenza Ellul, akkwistat sehem Giuseppe b'kuntratt ta' *datio in solutum* tat-18 ta' Jannar 1993 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza. Wara l-mewt t'ommhom, il-proprjetajiet in kwistjoni ddevolvew fuq ir-rikorrenti in piena u assoluta b'mod indiviż permezz tat-testment tal-10 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone. Il-fond in kwistjoni huwa mikri lill-intimat Spiteri li għal snin sħaħ ilha tokkupa l-imsemmi fond b'kera kkontrollata li tiġġedded *ex lege* bla prospett ta' terminazzjoni. Ir-rikorrenti fissru li l-kirja mħallsa mill-intimata Spiteri hija ta' €402.16 p.a. li hija irriżorja. Ir-rikorrenti jgħaddu sabiex jagħmlu referenza għall-Artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 69. Jippremettu wkoll li bl-emendi tal-Att X tal-2009, il-kera tal-fond in kwistjoni bdiet tiġi awmentata kull tlett snin b'żidiet irriżorji ai termini tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16. Saret referenza wkoll għall-Att XXIV tal-2021 u ppremettew li dan japplika biss b'effett mill-1 ta' Jannar 2021 u b'ebda mod ma tikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni kollha subiti minnhom qabel l-introduzzjoni ta' dan l-Att. Ir-rikorrenti għaddew biex ippremettew li tali privazzjoni tal-proprjetà tikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali sanċit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ippremettew li din l-azzjoni qiegħda tiġi limitata għall-effetti tagħha sal-31 ta' Diċembru 2020 u rriżervaw id-dritt li jipproċedu b'kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera a tenur tal-Att XXIV tal-2021. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti, l-operazzjonijiet tal-Ordinanza Li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet tal-kera viġenti qed jagħtu lok għal tiġdid ta' kirja *ope legis* lill-intimata Spiteri tal-fond bin-numru 19, Kennedy, fi Triq Dun Rajmond Ellul (ġjà Triq Ġużeppi d'Arena), il-Qrendi bil-konsegwenza li jirrenduha impossibbli li r-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom;
>
> 2. Konsegwentement tiddikjara li bl-operazzjonijiet tal-Ordinanza Li tiregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet tal-kera viġenti, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom bin-numru 19, Kennedy, fi Triq Dun Rajmond Ellul (ġjà Triq Ġużeppi d'Arena), il-Qrendi u dan bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u b'hekk tagħtihom ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni, inkluż dikjarazzjoni li l-

intimata ma tistax tibqa' tistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tibqa' tokkupa l-fond in kwistjoni;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li ma kkreawx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin stante li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti skont il-Liġi u ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; u

5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati skont il-Liġi u ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Avukat tal-Istat u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-24 ta' Ġunju 2022 fejn eċċipixxa in linea preliminari li r-rikorrenti jridu iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni kif ukoll prova li din il-kirja hija mħarsa bil-Kapitolu 69. In oltre eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar perjodi qabel ma huma saru sid tal-proprjetà u ma jistax jinstab ksur wara d-dħul tal-Att XXIV tal-2021. Eċċepixxa wkoll li qabel jiġu istitwiti proċeduri bħal dawk odjerni, wieħed għandu jeżawrixxi kwalunkwe rimedju ordinarju introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021. Fil mertu, ġie eċċepiet li l-antekawża tar-rikorrenti daħal fil-kuntratt tal-kera wara li daħal fis-seħħ il-Kapitolu 69 u b'hekk l-antekawża tar-rikorrenti daħal b'mod volontarju u b'konsapevolezza tar-reġim legali u għalhekk ir-rikorrenti huma marbuta b'dak l-istess ftehim. Bla preġudizzju, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għaliex il-Kapitolu 69 huwa mħares bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni. F'kull każ l-invokazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa għal kollox improbabbli għaliex japplika biss meta jkun hemm teħid obbligatorju tal-proprjetà, fatt li fil-każ odjern ma seħħx. Safejn l-ilment huwa dwar leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-proviso jagħti lill-Istat kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali.

L-Avukat tal-Istat eċċepixxa li bl-emendi li saru fil-Kapitolu 16 il-pożizzjoni tar-rikorrenti tjiebet matul iż-żmien minn dakinhar li saret il-kirja u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali. L-Avukat tal-Istat għadda sabiex jagħmel referenza għall-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 u fisser li r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat u anke li bis-saħħa ta' dawn l-emendi, ir-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-Bord li jirregola l-Kera sabiex il-kera tiġi miżjuda sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles fuq is-suq miftuħ. Konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex issib ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll wara d-dħul fi-seħħ tal-Att XXIV tal-2021. Finalment l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens u danni ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, dan għaliex tali artikolu jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill Ewropea u mhux għal Qrati Maltin.

3. Rat ir-risposta tal-inkwilina Maria Theresa sive Marthese Spiteri ippreżentata fis-6 ta' Lulju 2022 fejn in linea preliminari eċċepiet li m'hijiex leġittimu kontradittur għat-talbiet magħmula fir-rikors promotur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. In linea preliminari eċċepiet ukoll li din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħet tagħha taħt il-Kostituzzjoni u l-konvenzjoni ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 billi r-rikorrenti għandhom rimedji ordinarji disponibbli skont il-liġi. Eċċepiet ukoll li hija qiegħda tokkupa l-fond b'titolu validu u rikonoxxut kemm mil-liġi kif ukoll mir-rikorrenti tant li baqgħu jaċċettaw il-kera offruta fl-ammonti stipulati fil-liġijiet viġenti minn żmien għal żmien. Eċċepiet li hija għamlet diversi xogħlijiet u benefikati fl-imsemmi fond li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tevalwa l-valur lokatizzju tal-istess fond. Fil-mertu eċċepiet li hija dejjem wettqet l-obbligi kuntrattwali u legali kollha imposti fuqha bil-liġi apparti li hi ma tista' tagħti ebda rimedju għall-allegat leżjoni u wisq anqas m'għandha s-setgħa jew kontroll dwar il-liġijiet li jiġu promulgati i fil-pajjiż. Konsegwentement, hi m'għandhiex tinsab responsabbli sabiex tħallas xi kumpens bħala danni jew saħansitra li tiġi żgumbrata mill-fond de quo. Bla preġudizzju eċċepiet li jekk il-Qorti ssib leżjoni, huwa l-Istat li għandu jerfa' r-responsabbiltà tal-prezz finanzjarju.

4. Rat li fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti nominat lill-Perit Godwin Abela, sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża għall-perjodu mill-1987 sad-19 ta' Mejju 2022, f'intervalli ta' ħames snin-il wieħed.

5. Rat ir-rapport tal-Perit Godwin Abela ppreżentat fit-23 ta' Settembru 2022 u maħluf fit-22 ta' Novembru 2022[1].

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-28 ta' Ġunju 2023[2], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-12 ta' Diċembru 2023[3]. Rat li l-inkwilina Spiteri naqset milli tressaq n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

7. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-provi mressqa mill-partijiet.

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**

9. L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat hija maqsuma f'żewġ inċiżi dik li r-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova tat-titolu u t-tieni inċiż huwa li r-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova tal-ftehim tal-kirja u li l-kirja hija mħarsa bil-Kapitolu 69.

10. Mar-rikors promotur ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-kuntratti li bihom missierhom akkwista porzjonijiet tal-art fis-sena 1965 kif ukoll ippreżentaw kopja tat-testment tal-ġenituri tagħhom. Ebda wieħed minn dawn l-atti ma ġie kontestati mill-Avukat tal-Istat. Pjuttost il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat osserva li "ir-rikorrenti ippreżentaw sensiela ta' dokumenti li lkoll jipprovaw it-titolu taghhom fuq il-fond in kwistjoni u għaldaqstant dan il-punt huwa sorvolat"[4].

11. Fit-tieni inċiż tal-ewwel eċċezzjoni, l-Avukat tal-Istat talab prova li l-kirja hija imħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69. Mod ieħor, permezz ta' din l-eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat qiegħed jilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti billi jżomm illi ir-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu provi li l-kirja mertu tal-kawża taf il-bidu tagħha qabel l-1 ta' Ġunju 1995.

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-Avukat tal-Istat issottometta li "mill-kopja tal-ircevuti ppreżentati jidher illi l-kirja mertu tal-fond in kwistjoni bdiet

[1] Fol 80 et seq tal-proċess.

[2] Fol 217 et seq tal-proċess.

[3] Fol 230 et seq tal-proċess.

[4] Fol 231 tal-proċess.

qabel is-sena 1995 u li tali kirja ghalhekk hija protetta bil-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta."[5]

13. L-inkwilina Spiteri ppreżentat kopja tal-irċevuti li jibdew mis-sena 1984 u baqgħu għaddejjin sas-sena 2022. Huwa għaldaqstant evidenti li l-kirja ormai bdiet ferm qabel is-sena 1995.

14. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari tal-Avukat tal-Istat.

**M'hijiex leġittimu kontradittur**

15. L-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari tal-inkwilina hija li m'hijiex il-leġittimu kontradittur.

16. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et** deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990:

> "F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."

17. Fid-dawl tas-sentenza suċċitata il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Partit Nazzjonalista et vs. Kummissjoni Elettorali et**. (Rik Kost 26/2013) deċiża fid-29 ta' Mejju 2015 eleborat li "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra."

18. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi f` kawżi ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa l-Istat illi għandu jwieġeb għall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi huwa l-Istat illi għandu l-obbligu illi jassigura li l-

[5] *ibid.*

liġijiet ma joħolqux żbilanċ inġust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-interess ġenerali.

19. Fil-kawża tal-lum, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw mill-fatt illi bil-kirja tal-fond protetta bil-Kapitolu 69 inkissru l-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

20. L-Avukat tal-Istat huwa r-rappreżentant tal-Istat. Jekk ir-rikorrenti jseħħilhom jipprovaw l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u bħala rimedju tingħata kumpens (sew jekk pekunjarju sew jekk ikun morali) huwa l-Istat illi għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-kumpens.

21. L-intimata Spiteri però għandha tkun parti fil-kawża għaliex għandha leġittimazzjoni passiva fil-mertu tal-kawża billi d-deċiżjoni li ser tippronunzja l-Qorti tista' tolqot direttament lilha aktar u aktar meta wieħed jara li fit-tieni talba tagħhom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-intimata Spiteri m'għandhiex tibqa tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69.

22. Għaldaqstant, għalkemm f'kawżi kostituzzjonali bħal dik odjerna l-Istat neċessarjament irid ikun parti mill-proċeduri l-għaliex huwa proprju l-istess Stat li jirrispondi għal kwalunkwe ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem meta l-ksur huwa riżultat ta' l-applikazzjoni ta' liġi, dan ma jeskludix il-ħtieġa tal-preżenza ta' terzi fil-kawża, in kwantu l-eżitu tal-istess proċeduri kostituzzjonali jista' jimpinġi fuq id-drittijiet tat-terzi bħalma hu fil-każ ta' inkwilina.

23. Din l-eċċezzjoni tal-inkwilina qiegħda tiġi għalhekk miċħuda.

**Nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji**

20. L-intimata Spiteri fit-tieni eċċezzjoni tagħha talbet lil din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha stante li hemm rimedji ordinarji.

21. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-**Artikolu 46 (2)** tal-Kostituzzjoni u fuq l-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 319. Dan l-aħħar artikolu jipprovdi hekk:

> "Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu

(1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."

22. Kif ġie ikkunsidrat fid-deċiżjoni **Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April 1991, jidher ċar li l-leġislatur ma riedx li jistabbilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi Kostituzzjonali tagħna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, għandha dejjem u tassattivament teżegwixxi r-rimedji kollha disponibbli taħt il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna dwar l-eżerċizzju *o meno* tal-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha. Ovvjament, tali diskrezzjoni għandha tintuża ġustament u raġonevolment.

23. Tajjeb jiġi puntwalizzat ukoll illi jaqa' fuq il-parti li teċċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment mir-rikorrenti tar-rimedji ordinarji allegatament disponibbli l-oneru li turi fl-ewwel lok għal-liema rimedji ordinarji qed tirreferi u fit-tieni lok li tali rimedji ordinarji verament jindirizzaw l-ilmenti tar-rikorrenti.

24. L-intimata Spiteri naqset milli tippreċiża dan ir-rimedju fir-risposta tagħha u kellha opportunità li tindika dan ir-rimedju fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, però l-inkwilina naqset ukoll milli tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet kif kellha l-opportunità li tagħmel. U għalhekk naqset għal darb'oħra milli tindika liema kienu dawk ir-rimedji li r-rikorrenti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom qabel daħal fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021.

25. Għalkemm huwa minnu li r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huwa wieħed straordinarju u meqjus bħala "*a measure of last resort*", huwa wkoll stabbilit illi ċittadin li jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu m'għandux ikun obbligat ifittex rimedju ordinarju, jekk ir-rimedju ordinarju li jista' jingħata ma jkunx effettiv sabiex jindirizza l-ilment tiegħu.

26. Fin-nuqqas tal-intimata Spiteri li tindika liema kienu r-rimedji ordinarji ulterjuri li hija kienet qiegħda tagħmel referenza għalihom, m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tagħmel hi dak li naqset li tagħmel l-istess intimata

u tindaga hi liema setgħu kienu r-rimedji ordinarji li l-intimata Spiteri qiegħda tagħmel referenza għalihom.

27. Il-Qorti, wara li qieset li ma tressqet l-ebda raġuni li tista' twassalha li tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha li ma tismax il-kawża fil-mertu fit-termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u fit-termini tal-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319, tiddikjara tali eċċezzjoni bħala totalment infondata u tgħaddi sabiex tiċħad din l-eċċezzjoni mressqa mill-intimata Spiteri.

**Aċċettazzjoni tal-kera**

28. L-intimata Spiteri teċċepixxi wkoll li r-rikorrenti baqgħu jaċċettaw il-ħlas tal-kera minn għandha għall-fond mertu tal-kawża.

29. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Elvia Scerri et vs. Awtorità tad-Djar et** (Rik Kost 59/2010) deċiża fit-13 ta' April 2018:

> "Il-Qorti tqis illi l-accettazzjoni tal-hlas tal-kera, ghalkemm hija rikonoxximent li hemm relazzjoni lokatizzja bejn il-partijiet, ma tistax tigi meqjusa bhala accettazzjoni tal-istat ta' fatt li gie mahluq mill-iStat u l-atturi ma kellhomx kontroll fuqu. L-atturi gew pregudikati b'tali ordni ta' rekwizizzjoni peress li l-kera stabbilita mill-iStat, minghajr l-adezjoni taghhom bhala sidien, manifestament ma tirriflettix l-valur lokatizzju tal-fond, u dan apparti l-fatt illi kieku ma kienx hemm tali rekwizizzjoni, l-atturi ma kienux ikunu marbutin li jiddisponu mill-pussess tal-fond ghal dak il-korrispettiv."[6]

30. Referenza għanda ssir ukoll għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Ian Peter Ellis et vs. Avukat Ġenerali et** deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016 fejn ġie osservat li

> "60. Rigward it-tezi tal-intimati Griscti li, kemm l-awtur fid-dritt tar-rikorrenti kif ukoll l-istess rikorrenti, kienu volontarjament accettaw il-kera minghand l-intimati, dan il-fatt ma jista' jkun ta' ebda konfort ghat-tezi taghhom u m'ghandu jkun ta' ebda pregudizzju ghad-drittijiet

[6] Ara wkoll **Helen Agius vs. Salvina sive Sylvia Cutajar et** (Rik Kost 35/2018 MCH) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-24 t'Ottubru 2019.

fundamentali tar-rikorrenti stante li ma jistax jitqies li dik l-accettazzjoni kienet wahda volontarja.

61. Fl-ewwel lok, jirrizulta pacifiku li r-relazzjoni lokatizzja baqghet tigi imposta fuqhom minn sena ghal sena b'mod obbligatorju, u fit-tieni lok, l-accettazzjoni tal-kera da parti tas-sidien tal-fond ma jistax ficcirkostanzi legalment titqies bhala rinunzja tad-drittijiet taghhom, ghax kif gie diversi drabi ritenut ir-rinunzji ghandhom jrrizultaw minn provi cari u univoci u kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz Zammit and Attard Cassar [ECHR Applic No: 1046/12 deciza fit-30 ta' Lulju 2015]:

"...waiving a right necessarily presupposed that it would be possible to exercise it. There was no waiver of a right in a situation where the person concerned had never had the option of exercising that right and thus could not waive it.""

31. Il-Qorti ma tqisx illi tali eċċezzjoni hija fondata anke fid-dawl tal-ġurisprudenza nostrana fir-rigward. Ma jistax jingħad li bl-aċċettazzjoni tal-kera r-rikorrenti rrinunzjaw għall-jedd tagħhom li jiġu kkumpensati għad-danni li huma sofrew sakemm dawn ġew imċaħħda milli jgawdu l-proprjetà tagħhom minħabba tibdil fil-liġi jew li m'għandhomx interess ġuridiku li jipproċedu sabiex itejbu l-pożizzjoni tagħhom. Il-kawża odjerna tirrigwarda azzjoni ta' indoli purament kostituzzjonali fejn qiegħed jiġi allegat ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Il-kera li aċċettaw ir-rikorrenti ma kinitx kera li huma akkordaw mal-inkwilina iżda kera li l-liġi sfurzat fuqhom. Kienet kera kalkolata sa biċ-ċenteżmi sabiex tkun ai termini ta' dak li kienet qiegħda tordna l-liġi viġenti dak iż-żmien. Huwa evidenti għall-Qorti illi bl-aċċettazzjoni tal-kera furzat fuq ir-rikorrenti, l-ebda rinunzja ma seħħet da parti tar-rikorrenti sabiex jadixxu lill-Qorti dwar pretiża lezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

32. Għalhekk ma jistax jingħad li bl-aċċettazzjoni tal-kera r-rikorrenti rrinunzjaw għall-jedd tagħhom li jiġu kumpensati għad-danni li huma sofrew sakemm dawn ġew imċaħħda milli jgawdu l-proprjetà tagħhom minħabba tibdil fil-liġi jew li baqgħu inattivi sabiex itejbu l-pożizzjoni tagħhom. Din l-eċċezzjoni tal-intimata Spiteri għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

**Mertu**

33. Ir-rikorrenti ippremettew li fiż-żmien rilevanti kienu marbuta li jkomplu jġeddu l-kirja ai termini tal-Artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 69. L-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69** jipprovdi illi:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

34. Fiż-żmien rilevanti, skont Kapitolu 69, il-Bord seta' jagħti permess ta' ripreża f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 69, u dan huwa t-tieni artikolu li r-rikorrenti jsejsu l-ilment tagħhom. Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 promulgati bl-**Att XXIV tal-2021**, dan l-artikolu kien jipprovdi li:

> "jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta` jinkera f` kull żmien qabel l-4 ta` Awissu tal-1914: il-Bord jista` jistabbilixxi dan il-kera ġust."

35. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

> "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

36. Ir-rikorrenti jinsistu li bil-provvedimenti tal-Kapitolu 69 huma ma setgħux jawmentaw il-kera għar-rata li tirrifletti dak li l-fond kien iġib fis-suq liberu u lanqas setgħu jieħdu l-fond lura fi żmien raġonevoli bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom sanċit taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Imiss għalhekk li l-Qorti tqis dawn l-artikoli.

Ikkunsidrat

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

37. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti issib fost oħrajn leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

38. L-Avukat tal-Istat laqa' għat-talbiet rikorrenti msejsa fuq l-Artikolu 37 billi eċċepixxa illi l-imsemmi artikolu mhux applikabbli għall-fattispeċi tal-każ odjern in kwantu l-Kapitolu 69 hija liġi promulgata qabel l-1962 u allura hija mħarsa bl-**Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.**

39. Din l-eċċezzjoni hi fondata għaliex Kapitolu 69 huwa mħares bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.

40. L-**Artikolu 47 (9)** tal-Kostituzzjoni jipprovdi s-segwenti:

> "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –
> (a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;
> (b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;
> (ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew
> (d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni."

41. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Anthony Muscat pro et noe vs. Elizabeth Farrugia et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ikkunsidrat li għalkemm id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi Ċivili u tal-Kapitolu 69 kienu mdaħħla, emendati jew sostitwiti b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, dawn il-liġijiet ma għandhomx l-effetti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk il-każ tal-lum ma jintlaqatx bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

42. Il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza ikkwotat minn sentenza oħra tagħha, **Charles Bonello vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** tat-23 ta' Novembru 2020, fejn kienet osservat li:

> "i. L-Art. 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà` li kull xorta li tkun" ma jista' jittieħed jekk mhux inter alia bi ħlas ta' kumpens xieraq. Id-dritt ta' sid li jkollu l-pussess materjali u mhux biss pussess legali huwa interess fuq proprjetà` . B'hekk hu imħares taħt l-art. 37 minkejja li s-sid ma ġiex imċaħħad minn kull interess fil-proprjetà` .
> ii. "Il-Kap. 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 li pero` ma għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 47(9).
> iii. "L-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li, "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu).....". It-tiġdid tal-kirja seħħ bis-saħħa ta' liġi li kienet fis-seħħ qabel l-1962, ċioe` L-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini li daħlet fis-seħħ bl-Ordinanza XXI tal-1931. Għalhekk hu mħares mill-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant mhuwiex milqut minn Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.
> iv. "Għalkemm hu minnu li l-Kap. 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, pero` ma kellhomx l-effetti li jissemmew fil-paragrafi (a) sa (d) tal-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni".[7]

43. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 huma mħarsa bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi invokat mir-rikorrenti.

---

[7] Ara wkoll **Galea et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Ġunju 2020; **Alexander Caruana et vs. Doris Zarb et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 t'April 2021; **Louis Apap Bologna et vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 t'Ottubru 2021.

44. **Għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu msejsa fuq Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni qed jiġu miċħuda.**

Ikkunsidrat

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

45. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

46. L-interpretazzjoni prevalenti għal din id-dispożizzjoni li llum tagħmel parti mil-liġi Maltija hi illi qiegħda tipproteġi lill-persuna fit-tgawdija ħielsa ta' ħwejjiġha li jinkludu l-possediment tagħha.

47. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

48. Sabiex l-aġir tal-Istat bħalma hu l-promulgazzjoni ta' liġi li tagħti protezzjoni lill-inkwilin, ma jikkwalifikax bħala leżiv tal-jedd konvenzjonali tal-individwu jeħtieġ li jkun inżamm bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.

49. Huwa meqjus illi liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid ta' individwu għal għanijiet fl-interess ġenerali huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà

demokratika. Però tali setgħa ma hiex bla limitazzjoni jew bla xkiel. Ir-regola ġenerali tibqa' li l-individwu għandu l-jedd fundamentali li jgawdi l-ġid tiegħu mingħajr xkiel u għalhekk meta l-Istat jirfes fuq dak id-dritt jeħtieġ li juri illi tali ndħil seħħ f'qafas legali fejn id-drittijiet tal-individwu ġew rispettati. Dan l-obbligu fuq l-Istat jisssussisti sew meta l-liġi tippermetti lill-Istat li jieħu bil-forza l-ġid ta' individwu f'idejh, sew meta l-liġi tkun maħsuba sabiex tirregola l-użu ta' dak il-ġid.

50. Għalkemm taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni s-setgħa tal-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid hija wiesgħa, huwa dejjem meħtieġ mhux biss li jintwera l-interess ġenerali iżda wkoll li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-individwu milqut bl-aġir tal-Istat. Hawn jidħol l-element tal-proporzjonalità fejn l-indħil għandu jiġi kontro bilanċjat minn kumpens xieraq. Jekk l-Istat jieħu bil-forza proprjetà għandu jħallas kumpens ġust tal-valur tagħha. Jekk l-Istat ma jieħux proprjetà bil-forza iżda jieħu minn idejn is-sid l-użu ta' dik il-proprjetà, għandu jkun hemm mekkaniżmu legali kif is-sid jiġi kumpensat minħabba tali restrizzjoni fit-tgawdija tal-possediment tiegħu. Jekk m'hemmx tali mekkaniżmu ifisser li l-Istat huwa responsabbli ta' leżjoni tad-dritt tas-sid kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

51. Kapitolu 69 kien jagħmilha prattikament impossibbli li s-sid jieħu lura l-fond mikri jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li l-kera baqgħet staġnata. Bl-Att X tal-2009 il-Leġislatur introduċa emendi għall-Kapitolu 16 suppost bl-iskop li jiġi indirizzat l-iżbilanċ li kien hemm kontra s-sidien f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dak l-Att introduċa **Artikolu 1531Ċ għall-Kap 16** li kien jaqra kif ġej:

> "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-

Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

52. Ir-rikorrenti ippremettew fir-rikors promotur li huma kienu qegħdin jirċevu l-ħlas ta' €402.16 kera fis-sena liema somma hija manifestament baxxa wisq meta komparata mal-potenzjal li l-fond seta' jiġġenera fiż-żmien rilevanti.

53. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Patricia Curmi et vs. Miriam Pace et** fis-6 ta' Ottubru 2020 irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531Ċ fil-Kodiċi Ċivili ġabu awment fil-kera li ma jistax jiġi kkunsidrat illi indirizza l-iżbilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-inkwilina u s-soċjetà in ġenerali.

54. Ingħad fl-imsemmija deċiżjoni li "*Il-kera irriżorja li għaliha huma intitolati s-sidien tilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni*". Intqal ukoll f'sentenza aktar riċenti li "*illum hu stabbilit li l-awment tal-kera li jipprovdi l-Att X tal-2009 hu inadegwat u ma wassalx sabiex sidien il-kera jirċievu kera diċenti.*"[8]

55. Għalhekk il-Qorti tqis li l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kapitolu 16 ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw l-element ta' proporzjonalità ladarba l-awment kien qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq, minħabba r-restrizzjoni kif kienu kontemplati fl-Artikolu 4 (b) tal-Kapitolu 69 qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

56. Rigward **Artikolu 4A tal-Kapitolu 69** introdott bl-**Att XXIV tal-2021,** dan l-artikolu jagħti l-possibilità lil kull persuna li qiegħda fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti, li titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera jiffissa l-kera f'ammont li jkun sa tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, bil-possibilità wkoll li l-Bord jaċċetta d-dħul ta' kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw dan il-ftehim ta' kirja kif ukoll li jiġi revedibbli kull sitt (6) snin. Il-Bord huwa obbligat jagħmel test tal-mezzi sabiex jara jekk l-inkwilin jissodisfax il-kriterji sabiex ikompli fil-kirja jew le.

57. Din il-Qorti tqis li Artikolu 4A jipprovdi rimedju lis-sidien li l-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possediment tagħhom huwa leż. Il-Qrati ilhom perjodu twil jiddikjaraw li Kapitolu 69 qabel l-emendi tal-2021 kien leżiv tal-jedd konvenzjonali ta' sid il-kera. B'dan il-provvediment legali

[8] **Carmel sive Charles Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

ġiet stabbilita proċedura għas-sid sabiex jitlob l-awment jew l-iżgumbrament tal-inkwilin a bażi ta' kriterji magħrufa mill-partijiet kollha.

58. Fil-fatt din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti jipprevalixxew minn dan ir-rimedju stante li fid-19 ta' Mejju 2022, kontestwalment mal-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti resqu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera rikors fejn fost oħrajn talbu li jkun hemm reviżjoni tal-kera għall-ammont ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur tal-fond liberu u frank. **B'sentenza tal-24 ta' Jannar 2024, il-Bord iddeċieda li l-kera għandha tiġi awmentata għal €4,200 fis-sena.**

59. Fir-relazzjoni peritali tiegħu il-Perit Tekniku Godwin Abela irrelata illi bejn is-sena 2018 u s-sena 2021 il-valur lokatizju tal-fond kien ta' €4,900 fis-sena.

60. Għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021, qegħdin jilħqu bilanċ proporzjonat bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini iżda dawn ir-rimedji mogħtija b'dan l-artikolu saru disponibbli għas-sidien mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem u ċioe minn meta daħlu fis-seħħ l-emendi u għalkemm jista' jingħad li minn Ġunju tal-2021 ma jistax jitqies li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali però mhux l-istess jista' jingħad għaż-żmien anteċedenti d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

61. **Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hi tal-fehma illi Kapitolu 69 kif ukoll l-emendi bl-Att X tal-2009 għall-Kapitolu 16 ħolqu indħil sproporzjonat fuq id-drittijet tar-rikorrenti peress illi hemm differenza kbira bejn il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi fiż-żmien rilevanti u l-potenzjal tal-kera li l-fond seta' jiġġenera lir-rikorrenti, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. B'dan illi tqis li seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom.**

Ikkunsidrat

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Relevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni**

62. Ir-rikorrenti kienu werrieta universali ta' missierhom u għalhekk mal-mewt tiegħu wirtu nofs indiviż tal-fond mertu tal-kawża filwaqt li ommhom kellha nofs indiviż tal-fond proprjetà tagħha filwaqt li żewġha ħallielha l-użufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor.

63. Mal-mewt ta' ommhom ir-rikorrenti wirtu n-nofs indiviż l-ieħor u d-dritt tat-tgawdija tal-fond. Għalhekk ir-rikorrenti huma werrieta universali sew ta' missierhom kif ukoll ta' ommhom.

64. il-Qorti tgħid illi dwar il-perijodu li għandu jittieħed kont għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji, għandha tagħmel referenza għas-sentenza **Carmel Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ġie ritenut illi:

> "Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid. Min-naħa l-oħra ommhom Margaret Sammut hi attriċi u tgawdi l-użufrutt ta' ġidu bit-testment li għamel fis-16 ta' Settembru 1976 fl-atti tan-nutar Anthony Gatt."

65. Aktar riċenti, fil-każ fl-ismijiet **Erica Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2022, reġa' ġie mtenni illi:

> "Fir-rigward tal-argument illi d-danni akkordati huma eċċessivi, il-Qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u ċioe` minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjeta` tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala l-eredi ta' ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m'għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetarji, ġaladarba bħala eredi ta' ommhom, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li l-ewwel Qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta' snin li għalihom l-atturi kienu ntitolati għal kumpens."

66. Fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata, li din il-Qorti taqbel magħha, tiddikjara illi **għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji ser tieħu in konsiderazzjoni l-perijodu li jibda mill-1 ta' Mejju 1987, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319, u l-31 ta' Diċembru 2020, skont il-premessa numru 23 tar-rikors promotur.**

67. **In vista tal-fatt li r-rikorrenti sofrew piż sproporzjonat meta fiż-żmien relevanti ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kawża tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 69 u tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 kif applikabbli fiż-żmien relevanti, huma għandhom jingħataw rimedju xieraq konsistenti f'kumpens.**

68. Dwar kumpens ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli magħmula taħtha huma parti mil-liġi domestika ta' Malta safejn huma inkorporati fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). Artikolu 41 tal-Konvenzjoni ma ġiex hekk inkorporat. Barra minn hekk, huwa ovvju illi dak l-artikolu huwa indirizzat lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mhux lill-qrati domestiċi. Ċertament it-talbiet saru ħażin safejn saru ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan però m'għandux iwassal għall-konsegwenza li ma jingħata ebda rimedju.[9]

69. Kif inżamm mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** mogħtija fl-4 ta' Mejju 2022:

> "Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjetà` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

70. Għaldaqstant skont il-linji gwida tal-QEDB sabiex jiġi ffissat kumpens pekunjarju ġust għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tas-sid, l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas:

    a. Bi tletin fil-mija (30%) għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali;
    b. B'għoxrin fil-mija (20%) ġaladarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu rilevanti kollu, u
    c. bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew fin-nuqqas bil-kera perċepibbli skond il-liġi.

[9] Ara **Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2016.

71. Il-Qorti ħatret bħala espert tekniku lill-Perit Godwin Abela sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju fis-suq tal-fond mertu tal-kawża b'effett mis-sena 1987 sad-19 ta' Mejju 2022 u ċioe d-data li meta ġiet intavolata l-azzjoni odjerna.

72. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu kont tal-valur lokatizju ta' matul is-snin kif irrelata l-Perit Tekniku sas-sena 2020, kif fuq spjegat, sabiex tiddetermina l-kumpens pekunjarji xieraq dovut lir-rikorrenti skont il-linji gwida tal-QEDB adottati mill-Qorti Kostituzzjonali.

| **Sena** | **Stima tal-Perit annwali (€)** | **Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€)** |
|---|---|---|
| 1987 | 476.67[10] | 155.29[11] |
| 1988 | 715 | 232.94 |
| 1989 | 715 | 232.94 |
| 1990 | 715 | 232.94 |
| 1991 | 715 | 232.94 |
| 1992 | 907.50 | 232.94 |
| 1993 | 907.50 | 232.94 |
| 1994 | 907.50 | 232.94 |
| 1995 | 907.50 | 232.94 |
| 1996 | 907.50 | 232.94 |
| 1997 | 1,260 | 232.94 |
| 1998 | 1,260 | 232.94 |
| 1999 | 1,260 | 232.94 |
| 2000 | 1,260 | 232.94 |
| 2001 | 1,260 | 232.94 |
| 2002 | 1,650 | 333.10 |
| 2003 | 1,650 | 333.10 |
| 2004 | 1,650 | 333.10 |
| 2005 | 1,650 | 333.10 |
| 2006 | 1,650 | 333.10 |
| 2007 | 2,160 | 333.10 |
| 2008 | 2,160 | 333.10 |
| 2009 | 2,160 | 333.10 |
| 2010 | 2,160 | 333.10 |
| 2011 | 2,160 | 333.10 |

[10] €715 / 12 x 8 (Mejju sa Diċembru).

[11] €292.94 / 12 x 8.

| | | |
|---|---|---|
| 2012 | 3,000 | 333.10 |
| 2013 | 3,000 | 355.72 |
| 2014 | 3,000 | 355.72 |
| 2015 | 3,000 | 367.72 |
| 2016 | 3,000 | 372.86 |
| 2017 | 4,900 | 378.00 |
| 2018 | 4,900 | 378.00 |
| 2019 | 4,900 | 390.08 |
| 2020 | 4,900 | 402.16 |
| **Total** | **67,824.17** | **10,080.81** |

73. Is-somma ta' €67,824.17 għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €47,476.92. Minn din is-somma jrid jonqos 20% peress li r-rikorrenti ma taw l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €37,981.54 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera li attwalment ġiet imħallsa mill-intimata Spiteri kif perċepit skont il-liġi għall-istess perijodu u ċioe s-somma ta' €10,080.81.

74. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €27,900.73 li qed jiġu arrotondati għal sebgħa u għoxrin elf u disa' mitt ewro (€27,900).**

75. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija."[12] F'dan il-każ kien hemm użufrutt li ġie fi tmiemu fis-sena 2008, mal-mewt ta' omm ir-rikorrenti. Il-Qorti tqis ukoll illi għandu jkun hemm relativita' bejn l-ammont ta' danni pekunjarji akkordati u l-ammont ta' danni non-pekunjarji. **Il-Qorti għalhekk qiegħda tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' erbat elef ewro (€4,000).**

**Ma tibqax tistrieħ aktar fuq il-liġi**

76. Ir-rikorrenti jitolbu wkoll dikjarazzjoni li l-inkwilina Spiteri ma tistax tibqa' tistrieħ aktar fuq il-liġi sabiex tkompli tokkupa l-fond mertu tal-kawża. Jekk il-Qorti kellha tagħmel din ix-xorta ta' dikjarazzjoni tkun qiegħda ġġib fix-xejn

[12] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

l-effett tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 16. Huwa ovvju li llum il-ġurnata m'għadhiex aktar fis-seħħ il-liġi kif kienet qabel Ġunju 2021.[13] Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad ukoll din il-parti tat-tieni talba tar-rikorrenti

**Spejjeż tal-kawża**

77. Il-Qorti hija tal-fehma li fil-prinċipju l-intimat Avukat tal-Istat bħala r-rappreżentant responsabbli għall-miżura leġislattiva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ waslet għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

78. Dwar l-ispejjeż tal-intimata Spiteri l-Qorti tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021, u għalhekk il-Qorti serja tordna li l-ispejjeż tal-intimata Spiteri għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-intimata Spiteri konformament ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' l-ewwel talba**, tiddikjara li l-operazzjonijiet tal-Ordinanza Li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta (qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021), tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Att X tal-2009 taw lok għal tiġdid ta' kirja *ope legis* lill-intimata Spiteri tal-fond bin-numru 19, Kennedy, fi Triq Dun Rajmond Ellul (ġia Triq Ġużeppi d'Arena), il-Qrendi bil-konsegwenza li għamluha impossibbli għar-rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-proprjetà tagħhom.

2. **Tilqa' in parte it-tieni talba**, tiddikjara li bl-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta), tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-Att X tal-2009 safejn taw jedd lill-intimata Spiteri li ġedded b'mod indefinit il-kirja tal-fond 19, Kennedy, Triq Dun Rajmond (ġia Triq Ġużeppi d'Arena), il-Qrendi b'kera baxxa ħafna, seħħ ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; filwaqt li tiċħadha safejn imsejsa fuq Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tiċħad it-

[13] Ara **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju 2022.

talba għal dikjarazzjoni li l-intimata Spiteri ma tistax tibqa' tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 sabiex tibqa' tokkupa l-fond in kwistjoni.

3. **Tilqa' in parte t-tielet talba,** tiċħadha in kwantu msejsa fuq Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, u minflok tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti u għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji konsegwenzjali.

4. **Tillikwida** d-danni pekunjarji fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u disa' mitt ewro (€27,900) u d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000).

5. **Tikkundanna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' wieħed u tletin elf u disa' mitt ewro (€31,900) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta' Frar 2024

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**